**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Mejju, 2002

**Numru 33**

**Avviz. numru 949/02JR**

**APS Bank Limited**

**vs**

**Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-15 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1254.34), rapprezentanti bilanc ta' debitu ta' Loan Account numru 12998032015 (Dok.A) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mid-29 ta' Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv;**

**Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' elf mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm1254.34), rapprezentanti bilanc ta' debitu ta' Loan Account numru 12998032015 (Dok.A);**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-interessi ulterjuri b'effett mid-29 ta' Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Ra deher id-difensur tal-konvenut, pero` l-konvenut baqa' ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Annabelle Fenech, advances clerk tas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut bl-imghax mid-29 ta' Dicembru, 2001. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu centezmu (Lm1254.34) bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Dicembru, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**